

32005R0341

L 53/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.2.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 341/2005**tal-25 ta' Frar 2005**

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1432/94 u (KE) Nru 1458/2003 fir-rigward tal-kwantità massima li għaliha għandhom jirrelataw l-applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni tal-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji Komunitarji għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra², u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negożjati tal-GATT XXIV.6³, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/94 tat-22 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-arranġamenti tal-importazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti tariffi ta' kwoti tal-Komunità għal-laħam tal-majjal u ċerti prodotti agrikoli oħra⁴, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1458/2003 tat-18 ta' Awwissu 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-

¹ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1365/2000 (ĠU L 156, 29.6.2000, p. 5).

² ĠU L 91, 8.4.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2198/95 (ĠU L 221, 19.9.1995, p. 3).

³ ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.

⁴ ĠU L 156, 23.6.1994, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2083/2004 (ĠU L 360, 7.12.2004, p. 12).

amministrazzjoni ta' kwota tariffarja fis-settur tal-laħam tal-majjal⁵, fetħu kwoti tal-importazzjoni għal-laħam tal-majjal u stipulaw kundizzjonijiet preċiżi għall-aċċess tan-negozjanti għal dawk il-kwoti.

- (2) F'dawn l-aħħar snin iż-żewġ kwoti tal-importazzjoni f'it li xejn intużaw, u l-iffissar ta' kwantità massima relattivament baxxa li għaliha għandha tirreferi applikazzjoni għal liċenzja għandu mnejn kien fattur ta' tgerrix. Sabiex jiġihaffef il-kummerċ tal-laħam tal-majjal taħt dawk iż-żewġ kwoti tal-importazzjoni, jeħtieġ li dik il-kwantità massima tiżdied.
- (3) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 1432/94 u (KE) Nru 1458/2003 għandhom jiġu emendati skont dan.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-ġestjoni tal-laħam tal-majjal,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (KE) Nru 1432/94, ir-rata ta' "10 %" tinbidel bi "20 %".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 4(b) tar-Regolament (KE) Nru 1458/2003, ir-rata ta' "10 %" tinbidel bi "20 %".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji li jitressqu mill-1 ta' Marzu 2005 'l quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁵ ĠU L 208, 19.8.2003, p. 3. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2083/2004.